**Minuti ta' l-Erbgħa u Tlettin-il laqgħa tas-Sitt Kunsill Lokali Nadur**
**Nhar il-Gimgħa, 30 t' Ottubru 2009 fis-7:00 p.m.**
**Laqgħa b'Urġenza**

Preżenti:-

| | |
|---|---|
| Miriam Portelli | Sindku |
| Charles Said | Viċi Sindku |
| Maria Natoli | Kunsillier |
| Jonathan Buttigieg | Kunsillier |
| Dr. Rita Mifsud | Kunsillier |
| *Rita Mifsud Attard* | *Segretarju Eżekuttiv* |

---

1. **Bidu tal-laqgħa.** Il-laqgħa bdiet b'talba u tmexxiet mis-Sindku Miriam Portelli. Il-Kunsilliera qalu talba għall-mibki Anthony Camilleri, kunsillier fil-Qala li miet il-bieraħ.

2. Issejħet din il-laqgħa b'urġenza sabiex jiġi deċiż ir-rebbieħ tal-Premju Ġieħ in-Nadur. Dan wara li s-Sindku saret taf li kien hemm xi membri tas-sotto kumitat li kienu ndisposti. Peress li fil-liġi jgħid li deċiżjoni tal-Kunsill ma tistax tiġi diskussa fil-Kunsill qabel ma jgħaddu sitt xhur ħlief b'resoluzzjoni speċjali, saret resoluzzjoni specjali (annessa) iffirmata minn Dr. Rita Mifsud u Miriam Portelli. Is-Sindku għamlet mozzjoni verbali sabiex il-Premju Gieħ in-Nadur jingħata liż-żewġ persuni li ġew indaqs fil-votazzjoni tas-Sotto Kumitat. Peress li r-regolamenti ma jippermettix żewġ persuni jirbħu dan il-premju għandu jingħata il-premju lil persuna din is-sena u lil persuna l-oħra s-sena dieħla mingħajr ma jsir l-ebda nominazzjonijiet. Maria Natoli ssekondat il-mozzjoni. Jonathan Buttigieg talab lis-segretarja r-regolamenti ta' dan il-premju w talab li s-Segretarja taqra regolament numru 3. Hu talab ukoll il-profil taż-żewġ persuni li ġew indaqs fil-voti għal dan il-premju. Wara li ra dawn il-profili staqsa fuq liema bażi tista' tingħata l-premju lil Onor. Giovanna Debono. Is-Sindku nformatu li l-profil preżentat kien magħmul mgħaġġel u għad irrid jiġi amendat pero żgur li l-Ministru Giovanna Debono jimmertila dan il-ġieħ. Il-mozzjoni għaddiet unanimament.

3. Miriam Portelli għamlet mozzjoni verbali sabiex il-Premju Gieħ in-Nadur jingħata lil-Onor Giovanna Debono din is-sena u sena d-dieħla lil Sun Salv Pace. Charles Said issekonda l-mozzjoni. Il-mozzjoni għaddiet unanimament.

Il-laqgħa ntemmet fis-7:30 p.m.

**iriam Portelli, Sindku** **Rita Mifsud Attard, Segretarju Eżekuttiv**

Today 30th October 2009, be it resolved during Council Meeting held on same day,

That previous council decision of the 27th October 2009 to reconvene subcommittee (Gieh in-Nadur) meeting for the purpose of taking another vote regarding the awarding of Premu Gieħ in-Nadur 2009 be reversed, by special resolution of the council in terms of law.

Dr. Rita Mifsud
Councillor

Miriam Portelli
Mayor